



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.4.2018
COM(2018) 169 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

dwar l-applikazzjoni tat-Titolu III tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-Assigurazzjoni u tar-Riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) rigward is-superviżjoni ta' impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni fi grupp, u l-valutazzjoni tal-perjodu tranżitorju għan-negozju ta' provvista ta' rtirar okkupazzjonali tal-impriżi tal-assigurazzjoni tal-ħajja

I. Introduzzjoni

Mill-1 ta' Jannar 2016, meta daħlet fis-seħħ, id-Direttiva dwar is-Solvibbiltà II¹ ipprovdiet qafas prudenzjali sod u robust għad-ditt tal-assigurazzjoni fl-UE. Abbażi tal-profil tar-riskju ta' kumpaniji individwali, din id-Direttiva tippromwovi l-komparabbiltà, it-trasparenza u l-kompetittività.

It-Titolu III tas-Solvibbiltà II jikkonċerna is-superviżjoni ta' impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni fi grupp. Id-Direttiva tuża mudell ta' superviżjoni innovattiv li jassenja rwol prinċipali lil superviżur tal-grupp, filwaqt li tirrikonoxxi u żżomm rwol importanti għas-superviżur waħdu.

Is-Solvibbiltà II fiha wkoll dispożizzjonijiet dwar id-Direttiva għall-Provvista ta' Rtirar Okkupazzjonali (IORPs)². B'mod partikulari, soġġetti għal ċerti kundizzjonijiet, in-negozju ta' provvista ta' rtirar okkupazzjonali tal-assiguraturi tal-ħajja huwa eżenti minn applikazzjoni sħiħa tar-rekwiżit kapitali tas-solvibbiltà (solvency capital requirement, SCR) fis-Solvibbiltà II għal perjodu ta' tranżizzjoni. Permezz ta' emenda għas-Solvibbiltà II, id-Direttiva IORP II estendiet dan il-perjodu mill-aħħar tal-2019 sal-aħħar tal-2022.

Is-Solvibbiltà II tirrikjedi li l-Kummissjoni tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar id-dispożizzjonijiet ta' superviżjoni fi grupp³ u dwar il-perjodu ta' tranżizzjoni għall-IORPs li huma operati minn impriżi tal-assigurazzjoni tal-ħajja. Għall-finijiet ta' konvenjenza, dan ir-rapport jissodisfa dawn iż-żewġ rekwiżiti (mhux relatati) f'dokument wieħed.

II. Applikazzjoni tat-Titolu III tas-Solvibbiltà II dwar is-superviżjoni ta' impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni fi grupp

L-Artikolu 242(1) tas-Solvibbiltà II jirrikjedi li l-Kummissjoni tirrapporta dwar l-operazzjoni tat-Titolu III tas-Solvibbiltà II (superviżjoni fi grupp):

“Sal-31 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni għandha tagħmel valutazzjoni tal-applikazzjoni tat-Titolu III, b'mod partikolari fir-rigward tal-kooperazzjoni tal-awtoritajiet superviżorji fi ħdan il-kulleġġ tas-superviżuri, u l-funzjonalità tiegħu, u l-prattika superviżorja fir-rigward tal-istabbiliment tas-supplimentazzjonijiet kapitali, u għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, flimkien ma' proposti għall-emendar ta' din id-Direttiva, fejn ikun xieraq.”

¹ Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1), susegwentement emendata bid-Direttiva 2011/89/UE (id-Direttiva dwar il-Konglomerati Finanzjarji), id-Direttiva 2012/23/UE, id-Direttiva tal-Kunsill 2013/23/UE, id-Direttiva 2013/58, id-Direttiva 2014/51/UE (id-Direttiva “Omnibus II”) u d-Direttiva 2016/2341/UE (id-Direttiva “IORP II” dwar l-Istituzzjonijiet għall-Provvista ta' Rtirar Okkupazzjonali).

² Id-Direttiva (UE) 2016/2341 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar l-attivitajiet u s-superviżjoni ta' istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali (IORPs) (ĠU L 354, 23.12.2016, p. 37), li daħlet legalment fis-seħħ fit-12 ta' Jannar 2017 u trid tiġi trasposta fl-Istati Membri sat-13 ta' Jannar 2019.

³ L-Artikolu 242(2) tas-Solvibbiltà II jitlob li l-Kummissjoni tagħmel valutazzjoni tal-benefiċċji tat-titjib tas-superviżjoni tal-gruppi u l-ġestjoni tal-kapital fi ħdan grupp ta' impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni sal-31 ta' Diċembru 2018. Il-Kummissjoni trid tippreżenta r-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-aħħar tal-2018.

Fl-1 ta' Ġunju 2017, il-Kummissjoni talbet lill-Awtorit  Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (European Insurance and Occupational Pensions Authority, EIOPA) biex tikkontribwixxi għar-rapport. Il-parti l-kbira tal-kontribuzzjoni tal-EIOPA (iżda mhux kollha kemm hi), li ġiet ipprovduta fl-24 ta' Jannar 2018⁴, iddaħħlet f'dan ir-rapport.

(a) Kwistjonijiet ġenerali rigward is-superviżjoni fi grupp

Il-kwistjonijiet  entrali tal-Kapitolu I tat-Titolu III tas-Solvibbilt  II huma d-definizzjoni ta' grupp u l-ambitu ta' superviżjoni fi grupp. L-EIOPA rrapportat  ertu tħassib dwar id-definizzjoni ta' grupp skont l-Artikolu 212(1):

- diffikultajiet fil-valutazzjoni ta' jekk, permezz ta' "koordinazzjoni  entralizzata", impriża effettivament tezericitax influwenza dominanti fuq id-deċijonijiet, inklużi dawk finanzjarji, tal-impriżi l-oħra fil-grupp;
- rigward gruppi minn pajjiżi terzi li joperaw f'diversi pajjiżi  EE, hemm diffikultajiet fl-identifikazzjoni ta' sitwazzjonijiet li jiskattaw superviżjoni fi grupp u l-ħatra ta' superviżur tal-grupp; u
- rigward gruppi tal-assigurazzjoni b'operazzjonijiet maġġuri mhux fiż- EE, setgħat limitati għall-awtoritajiet superviżorji nazzjonali (ASN) biex jimponu rekwiżiti kapitali addizzjonali fejn jiġi identifikat riskju materjali minn impriżi oħra tal-grupp mhux fiż- EE, u biex jirrestrinġu t-tranżazzjonijiet fil-grupp.

L-EIOPA rrapportat dwar it-tfa ċar fl-UE ta' diversi strutturi mhux fiż- EE b'fondi ta' investment relatati li jinvestu f'impriżi tal-assigurazzjoni madwar iż- EE. Dawn l-istrutturi ma jikkwalifikawx bħala gruppi fis-sens tas-Solvibbilt  II. L-EIOPA talbet li jitwaqqfu "protokulleġġi" biex tinqasam informazzjoni li abbażi tagħha jiġu vvalutati riskji potenzjali minn attivitajiet u inċertezzi rigward l-istrateġija tal-kumpanja omm apikali bbażata f'pajjiż li mhuwiex fiż- EE.

Kwistjoni potenzjali oħra hija n-nuqqas ta' konsistenza bejn l-impriżi fil-grupp u l-ambitu tas-superviżjoni fi grupp fir-rigward ta' impriżi tal-assigurazzjoni ta' pajjiżi terzi, il-kumpanija holding tal-assigurazzjoni, il-kumpanija holding finanzjarja mħallta jew il-kumpanija holding tal-assigurazzjoni b'attivit  mħallta. Għalkemm dawn l-entitajiet jistgħu jkunu parti mill-grupp, l-Artikolu 214 jiddikjara li "l-ezer izzju tas-superviżjoni tal-grupp f'konformit  mal-Artikolu 213 m'għandux jimplika li jeħtieġ li l-awtoritajiet superviżorji jkollhom rwol ta' superviżjoni", ħlief fil-każ tar-rekwiżit ta' "kompetenti u xierqa" fl-Artikolu 257. In-nuqqas potenzjali ta' miżuri ta' superviżjoni kontra l-kumpanija azzjonarja jista' jkun problematiku meta l-valwazzjoni tal-parteċipazzjonijiet titqies mhux xierqa. Barra minn hekk, billi jiġi limitat l-ambitu tas-superviżjoni tal-grupp ta' solvibbilt , l-Artikolu 2018 jimponi l-ezer izzju ta' din is-setgħa f'każijiet ta' impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni msemmija fl-Artikolu 213(2) (a) u (b), iżda l-Artikolu 214 jippermetti li s-superviżur tal-grupp inaqqas l-ambitu tas-superviżjoni tal-grupp fuq bażi ta' każ b'każ.

(b) Kooperazzjoni tal-awtoritajiet superviżorji fil-kulleġġi tas-superviżuri, u l-funzjonalit  tagħhom

Is-Solvibbilt  II issaħħaħ il-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet superviżorji u tistabilixxi d-drittijiet u l-obbligi tas-superviżur tal-grupp u s-superviżuri l-oħra f'kulleġġ tas-superviżuri. Kull kulleġġ tas-superviżuri jinkludi s-superviżur tal-grupp, l-awtoritajiet superviżuri tal-Istati

⁴<https://eiopa.europa.eu/Publications/Consultations/Report%20to%20the%20European%20Commission%20on%20the%20Application%20of%20Group%20Supervision.pdf>

Membri kollha li fihom jinsabu l-uffiċċji prinċipali tal-impriżi sussidjarji, u l-EIOPA. Skont id-dejta tal-EIOPA, kien hemm 92 kulleġġ fl-2016, u dan ippermetta li s-superviżuri nazzjonali jaqsmu informazzjoni regolarment u jiddiskutu u jindirizzaw diverġenzi fl-approċċi tal-membri.

Il-valutazzjoni ġenerali hija li l-kulleġġi jaħdmu tajjeb, filwaqt li l-oqsma prinċipali ta' diverġenza potenzjali huma dawk li jinvolvu l-eżerċizzju tal-ġudizzju, bħas-superviżjoni tad-dispożizzjonijiet tekniċi kkalkulati mill-impriżi tal-assigurazzjoni. Sabiex tittejjeb il-kooperazzjoni, il-qafas jippermetti eżaminazzjonijiet fuq il-post, li tista' tiegħu sehem fihom l-EIOPA skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010⁵ (ir-Regolament tal-EIOPA). Din it-tip ta' spezzjoni qed issir aktar komuni, u dan juri "kooperazzjoni tajba [fost l-NSAs] meta jippjanaw u jwettqu spezzjonijiet fuq il-post". Ir-rapport tal-EIOPA jindika kwistjoni waħda rigward il-lingwaġġ użat matul l-eżaminazzjonijiet: "F'xi każijiet, skont il-liġi lokali, il-ġestjoni tal-impriża teħtieġ biss li jingħataw risposti għal mistoqsijiet u tingħata informazzjoni fil-lingwa lokali".

(c) Superviżjoni tas-sottogrupp

L-Artikolu 215(1) tas-Solvibbiltà II tistabbilixxi regola ġenerali li permezz tagħha s-sistema ta' superviżjoni tal-grupp fil-livell tal-Unjoni tkun ibbażata fuq l-impriża prinċipali aħharija⁶. Madankollu, permezz ta' deroga minn din ir-regola, l-Artikolu 216(1) jipprevedi li l-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-awtoritajiet superviżorji tagħhom jiddeċiedu, wara konsultazzjoni mas-superviżur tal-grupp u dik l-impriża prinċipali aħħarija fil-livell tal-Unjoni, li jpoġġu l-impriża prinċipali aħħarija tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, il-kumpanija holding tal-assigurazzjoni jew il-kumpanija holding finanzjarja mħallta fil-livell nazzjonali għas-superviżjoni tal-grupp. Dan huwa magħruf bħala superviżjoni tas-sottogrupp.

Skont id-dejta tal-EIOPA, tliet superviżuri tal-UE jwettqu superviżjoni tas-sottogrupp fuq tmien gruppi transfruntiera. L-effett immedjat huwa t-twaqqif ta' kulleġġ addizzjonali għal kull sottogrupp (inkluż arranġament ta' koordinazzjoni separat, pjan ta' emerġenza u skambju doppju ta' informazzjoni) u trikkib fl-irrapportar tal-grupp lis-superviżuri u lis-sottogruppi tiegħu. Jenħtieġ li dawn il-kumplikazzjonijiet ġodda jiġu bbilanċjati kontra l-fatt li s-superviżjoni tas-sottogrupp hija ta' importanza kbira għal dawk l-Istati Membri li jipprattikawha.

(d) Mudelli interni tal-grupp

F'konformità mal-approċċ imsejjes fuq ir-riskju għall-SCR, is-Solvibbiltà II tippermetti li impriżi individwali tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jużaw mudelli interni għall-ikkalkular tal-SCR, minflok il-formola standard, soġġetti għal approvazzjoni superviżorja. L-Artikolu 231 jiddefinixxi l-mudelli interni tal-grupp u jistabbilixxi linji gwida għall-awtoritajiet ikkonċernati dwar kif tintlaħaq deċiżjoni konġunta dwar l-applikazzjoni. L-

⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48).

⁶ Meta l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni parteċipanti jew il-kumpanija holding tal-assigurazzjoni jew il-kumpanija holding finanzjarja mħallta msemmija fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 213(2) tkun minnha nniġġa impriża sussidjarja ta' impriża oħra tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, jew ta' kumpanija holding tal-assigurazzjoni oħra jew ta' kumpanija holding finanzjarja mħallta oħra li jkollha l-uffiċċju ewlieni tagħha fl-Unjoni, l-Artikoli 218 sa 258 għandhom japplikaw biss fil-livell tal-impriża prinċipali aħħarija tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, tal-kumpanija holding tal-assigurazzjoni jew tal-kumpanija holding finanzjarja mħallta li jkollha l-uffiċċju ewlieni tagħha fl-Unjoni.

EIOPA tirrapporta li 11-il NSA approvaw mudelli interni tal-grupp (transfruntiera u domestiċi) u fi 17-il Stat Membru jintużaw mudelli interni individwali.

L-NSAs ma jqisux lill-EIOPA bħala waħda mill-“awtoritajiet superviżorji kkonċernati” (fis-sens tal-Artikolu 347(3) tar-Regolament ta’ Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/35)⁷ fir-rigward ta’ deċiżjonijiet konġunti dwar mudelli interni fil-kulleġġi, bil-konsegwenza li l-EIOPA b’mod ġenerali ma rċevietx il-materjali ta’ applikazzjoni formali. L-EIOPA tikkonkludi li r-rwol limitat tagħha fil-valutazzjoni u fl-approvazzjoni ta’ mudelli interni transfruntiera kultant fixkel il-ħidma tagħha biex tivvaluta u tippromwovi l-konverġenza. Min-naħa l-oħra, skont l-Artikolu 248(3) tas-Solvibbiltà II, l-EIOPA hija membru tal-kulleġġ tas-superviżuri u l-Artikolu 231(1) jiddikjara li “s-superviżur tal-grupp għandu jinforma lill-membri l-oħra tal-kulleġġ tas-superviżuri u jgħaddilhom l-applikazzjoni sħiħa, mingħajr dewmien.”

Għalkemm ħafna mill-kulleġġi kellhom diskussjonijiet diffiċli, sa issa laħqu deċiżjonijiet konġunti dwar mudelli interni tal-grupp mingħajr ma talbu għall-medjazzjoni tal-EIOPA. Madankollu, l-EIOPA tirreferi għal diversi każijiet fejn grupp jiddeċiedi li jneħħi pajjiż wieħed jew aktar mill-ambitu tal-applikazzjoni tal-mudell intern tal-grupp meta jkollu dubji li inkella ma jilħaqx deċiżjoni konġunta fil-ħin biex tiġi approvata qabel il-bidu tal-applikazzjoni tas-Solvibbiltà II fl-1 ta’ Jannar 2016.

(e) Żieda għall-kapital tal-grupp

Meta l-profil tar-riskju tal-grupp ma jkunx rifless b’mod xieraq, tista’ tiġi imposta żieda għall-kapital tal-grupp konsolidat tal-SCR. L-EIOPA tirrapporta li din il-miżura ntużat minn superviżur wieħed għal erba’ gruppi fl-2016⁸. Tliet żidiet għall-kapital fil-livell tal-grupp relatati ma’ formola standard sinifikanti għal devjazzjoni tal-profil tar-riskju; f’każ wieħed, żieda għall-kapital relatata ma’ mudell intern li ma kinitx tkopri d-devjazzjonijiet materjali kollha tal-profil tar-riskju.

(f) Kwistjonijiet oħra ta’ superviżjoni tal-grupp

L-EIOPA ma rċeviet l-ebda talba għal medjazzjoni f’kulleġġ tas-superviżuri skont l-Artikolu 19 tar-Regolament tal-EIOPA.

Is-superviżjoni tas-solvibbiltà tal-grupp għal gruppi b’ġestjoni tar-riskju ċentralizzata hija stabbilita fl-Artikoli 236 sa 239 tad-Direttiva. F’dan ir-rigward, l-EIOPA tindika li sa issa ma hemm l-ebda ftehim tal-ġestjoni tar-riskju ċentralizzata fost is-superviżuri.

III. Perjodu tranżitorju għan-negożju għall-provvista ta’ rtirar okkupazzjonali ta’ impriżi tal-assigirazzjoni tal-ħajja

L-Artikolu 308b(15) tas-Solvibbiltà II, kif emendat bl-Artikolu 63 tad-Direttiva tal-IORP II, jitlob li l-Kummissjoni tirrapporta dwar l-operazzjoni tal-perjodu tranżitorju msemmi fl-introduzzjoni:

“15. Fejn, mad-dħul fis-seħħ ta’ din id-Direttiva, l-Istati Membri tad-domiċilju applikaw id-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4 tad-Direttiva (UE) 2016/2341, daww l-

⁷ Ir-Regolament ta’ Delega (UE) 2015/35 tal-10 ta’ Ottubru 2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negożju tal-Assigirazzjoni u r-Riassigirazzjoni (Solvibbiltà II) (ĠU L 12, 17.1.2015, p. 1).

⁸ https://eiopa.europa.eu/Publications/Reports/EIOPA-BoS-17-336rev2_EIOPA%202017%20report%20on%20the%20use%20of%20Capital%20Add%20Ons.pdf

Istati Membri tad-domiċilju jistgħu jkomplu japplikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi li jkunu ġew adottati minnhom, bil-ħsieb li jikkonformaw mal-Artikoli 1 sa 19, l-Artikoli 27 sa 30, l-Artikoli 32 sa 35 u l-Artikoli 37 sa 67 tad-Direttiva 2002/83/KE hekk kif tkun fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru 2015, għal perjodu tranżitorju li jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2022.

[..]

Sal-31 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar jekk il-perjodu msemmi fl-ewwel subparagrafu għandux jiġi estiż, filwaqt li tikkunsidra l-bidliet fil-liġi tal-Unjoni jew f'dik nazzjonali li jirriżultaw minn din id-Direttiva.”

Filwaqt li l-leġiżlazzjoni tipprevedi rapport fl-aħħar tal-2017, il-perjodu tranżitorju ma jiskadix qabel il-31 ta' Diċembru 2022, b'hekk l-aħħar tal-2017 jista' jitqies kemxejn bikri biex jinġibdu konklużjonijiet definittivi dwar l-operazzjoni tagħha. F'dan l-istadju, il-Kummissjoni ma għandhiex elementi ġodda fil-pussess tagħha li jiġġustifikaw estensjoni ulterjuri tal-perjodu tranżitorju, iżda se tkompli tissorvelja s-sitwazzjoni mill-bidu tal-applikazzjoni tad-Direttiva tal-IORP II fit-13 ta' Jannar 2019. Is-sorveljanza se tikkontribwixxi għar-rieżami ta' dik id-Direttiva, li huwa mistenni għat-13 ta' Jannar 2023 (ara l-Artikolu 62 tad-Direttiva tal-IORP II).

IV. Konklużjoni

L-Artikolu 242(1) tas-Solvibbiltà II jipprevedi li r-rapport tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjon tat-Titolu III (superviżjoni tal-grupp) jista' jkun akkumpanjat minn proposti leġiżlattivi.

Billi huwa mistenni li s-Solvibbiltà II issirilha evalwazzjoni ġenerali fl-2020 u minħabba l-importanza ta' qafas regolatorju stabbli, il-Kummissjoni tqis li wieħed biss mill-oqsma identifikati hawn fuq jirrikjedi emenda leġiżlattiva f'dan l-istadju: il-qasam tal-mudelli interni tal-grupp, fejn ġew identifikati d-diverġenzi fost l-Istati Membri u l-ħtiġijiet tal-EIOPA, tejbu s-setgħat biex jiksbu konverġenza.

Madankollu, minħabba l-urġenza tal-każ u l-opportunità mogħtija mill-pakkett ta' proposti tal-Kummissjoni biex tirrieżamina l-funzjonament u l-iffinanzjar tal-awtoritajiet superviżorji Ewropej (kif ġie adottat fl-20 ta' Settembru 2017), diġà ttehdet azzjoni dwar dan. Il-pakkett inkluda proposta leġiżlattiva biex tiġi emendata s-Solvibbiltà II⁹ biex tittaffa u jiġu evitati diverġenzi fis-superviżjoni u approvazzjoni ta' mudelli interni tal-grupp. L-Artikolu 2 tal-proposta jinkludi emendi għas-Solvibbiltà II biex:

- jagħti rwol akbar lill-EIOPA biex tiżgura l-konverġenza superviżorja fil-qasam tal-applikazzjonijiet ta' mudelli interni (fil-livell individwali u ta' grupp) u fir-rigward tal-qsim ta' informazzjoni dwar tali applikazzjonijiet; u
- jippermetti li l-EIOPA tagħti opinjonijiet f'dan ir-rigward u tassisti fis-solviment ta' tilwimiet bejn l-awtoritajiet superviżorji, fuq talba mingħandhom, fuq inizjattiva proprja jew, f'ċerti ċirkustanzi, fuq talba mingħand impriżi kkonċernati.

⁹ Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2014/65/UE dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u d-Direttiva 2009/138/KE dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negożju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (COM(2017) 537 final). Ara wkoll COM (2017) 536 final (proposta għal Regolament li jemenda diversi regolamenti, inkluż ir-Regolament li jistabbilixxi l-EIOPA).

L-emendi jipprevedu wkoll li jenħtieġ li l-EIOPA tipprepara rapporti annwali fuq din il-kwistjoni. Dan se jippermetti monitoraġġ mill-qrib tas-sitwazzjoni dwar l-applikazzjonijiet tal-mudell intern, inkluż li tiżvela tħassib li jkun għad għandha rigward il-konverġenza superviżorja f'dan il-qasam.

Rigward il-perjodu tranżitorju għan-negozju tal-provvista ta' rtirar okkupazzjonali tal-impriżi tal-assigurazzjoni tal-ħajja, il-Kummissjoni tista' tieħu deċiżjoni eqreb lejn tmiem dak il-perjodu (tmiem l-2022) rigward l-estensjoni possibbli tagħha. Jekk tittieħed deċiżjoni biex jiġi estiż il-perjodu, tista' tiġi introdotta proposta leġiżlattiva ħafna qabel tmiem l-2022.